MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2298/2002

**Raymond Farrugia**

**vs**

**Malta Shipbuilding Co. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata tirrifondi lill-attur is-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500.00) rappprezentanti depozitu mhallas mill-attur lis-socjeta' konvenuta meta nghata t-tmexxija tal-canteen tas-socjeta' konvenuta u dan skond il-klawzola numru 16 tal-ftehim li gie ffirmat fl-14 ta' April 2000.
Bl-ispejjes legali kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax legali skond il-ligi.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

Illi l-ammont pretiz mill-attur m'huwiex dovut. Mid-depozitu msemmi kellhom jitnaqqsu Lm226.44 u cioe' Lm167.75 bhala bilanc ta' kera dovut minnu sat-18 ta' Gunju 2002 u Lm58.69 ta' oggetti li nstabu neqsin mill-inventarju.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra t-talba rikonvenzjonali prezentata mis-socjeta' konvenuta fejn hija talbet li l-attur jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' Lm226.44 dovuta in kwantu ghall-Lm167.75 bhala bilanc tal-kera tal-'canteen' u in kwantu ghal-Lm58.69 bhala l-valur tal-oggetti misjuba neqsin liema oggetti kienu nkluzi fl-inventarju anness mal-ftehim originali.

Ra r-Risposta prezentata mill-attur ghal din it--talba rikonvenzjonali fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi l-attur Raymond Farrugia jichad kategorikament li huwa ghandu jaghti lis-socjeta' konvenuta l-ammont minnha pretiz u dan kif ser ikun pruvat waqt il-kawza.
Bl-ispejjes tal-kontro-talba kontra s-socjeta' konvenuta.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Dirk Farrugia u tal-Engineer Anthony Restall. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta. Fit-3 ta' April 2000 din tal-ahhar harget tender ghat-tmexxija tal-canteen. L-attur xehet l-offerta tieghu u gie maghzul. Wahda mill-kundizzjonijiet tat-tender kienet li min jintghazel kellu jirrizenja mill-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta u jsir self employed. Gie ffirmat ftehim bejn il-partijiet fl-14 ta' April 2000 (esebit a fol. 14 et seq. tal-process) fejn gie stipulat li l-attur kellu jibda jiggestixxi l-canteen b'effett mill-24 ta' April 2000 bil-kera ta' Lm700.00 ghall-ewwel sena, Lm750.00 ghat0tienei sena u Lm900.00 ghat-tielet sena liema kera kellha tithallas kull sitt xhur bil-quddiem. Mill-ircevuti esebiti a fol. 88 et seq. jirrizulta li fil-fatt l-attur ma kienx qed ihallas il-kera bil-quddiem kif miftiehem. L-attur irrezenja mill-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta izda skond il-klawzola 26 tal-

Ftehim gie garantit lill-attur id-dritt li jirritorna fl-impjieg tieghu mas-socjeta’ konvenuta una volta li jigi terminat il-kuntratt tal-gestjoni tal-canteen. Mill-provi rrizluta li fi Frar 2002 hargu l-iskemi ghall-irtirar qabel iz-zmien ghall-haddiema tat-Tarznari, li ghalhekk kienu jinkludu l-haddiema tas-socjeta’ konvenuta, liema haddiema kienu ser jinghataw somma flus jekk jirrizenjaw qabel iz-zmien. L-attur kien avvicina lil Anthony Restall li kien jokkupa l-kariga ta’ Human Resources Executive fi hdan is-socjeta’ konvenuta u wera x-xewqa tieghu li jibbenefika minn din l-iskema. Anthony Restall jghid li “jiena kkonfermajtlu li l-kumpanija kienet lesta thallih jitlaq u wrejtu x’ghandu jaghmel jigifieri jmur ghand l-ETC u jimla’ l-formola ta’ tmiem tal-impjieg bhal self occupied u wara l-Kumpanija tiehu hsieb li timla formola ohra ta’ bidu tal-Impjieg u b’hekk ikun eligibbli ghall-iskema ta’ rizenja volontarja. Jiena tlabtu wkoll biex igedded din il-procedura peress li kien obbligat jaghti pre-avviz ta’ tlett xhur lill-kumpanija skond l-ewwel klawzola tal-kuntratt sakemm nohorgu sejha ghall-offerti ghall-canteen”. L-attur informa lil Restall li ma kienx interessat li jgedded il-kuntratt ta’ gestjoni tal-canteen meta dan jiskadi peresss li kellu opportunita’ ohra u xtaq li jibbenefika mill-iskema volontarja mill-aktart fis possibbli. Anthony Restall jghid li huwa ghalhekk lahaq ftehim bil-fomm mal-attur fis-sens li iben l-attur, Dirk Farrugia, kellu jibqa’ jmexxi l-canteen bhala caretaker bl-istesss kundizzjonijiet tal-ftehim sakemm jinhatar operatur gdid. L-attur fil-fatt irrezenja minn Canteen Operator fil-11 ta’ Marzu 2002 u eventwalment irrezenja mill-impjieg tieghu minn mas-socjeta’ konvenuta fid-29 ta’ Marzu 2002. Iben l-attur, Dirk Farrugia, kompla jiehu hsieb il-canteen sa Gunju 2002. Huwa xehet l-offerta tieghu meta hareg it-tender ghall-gestjoni tal-cantten izda gie maghzul hadddiehor. L-attur qieghed ghalhekk jitlob li jinghata lura l-Lm500.00 depozitu li huwa hallas fil-bidu tal-gestjoni tal-canteen u dan ai termini tal-klawzola 16 li tghid hekk:-
“L-operatur jintrabat li jhalas depozitu ta’ Lm500.00 (hames mitt lira Maltin) lill-Kumpanija liema somma tigi rifondata lilu hekk kif jidkadi l-kuntratt u sakemm ma jkunx hemm hsarat jew affarijiet neqsin fl-oggetti u propjeta’ tal-kumpanija uzati mill-Operator fil-Canteen”.

Is-socjeta' konvenuta min-naha l-ohra tirribatti li minn dan l-ammont trid titnaqqas is-somma ta' Lm226.44 dovuta lilha mill-attur in kwantu ghall-Lm167.75 bhala bilanc ta' arretrati ta' kera sat-18 ta' Gunju 2002 u in kwantu ghall-Lm58.69 bhala l-valur ta' oggetti propjeta' tas-socjeta' konvenuta li nstabu neqsin meta sar inventarju fit-28 ta' Gunju 2002 ( esebit a fol. 52 tal-process). L-attur jirritjeni li l-arretrati ta' kera m'humiex dovuti minnu stante li huwa rrizenja minn ooperatur tal-canteen fil-11 ta' Marzu 2002 u li l-anqas il-valur tal-oggetti li nstabu neqsin ma huwa dovut minnu stante li meta sar inventarju fil-11 ta' Marzu 2002 ma nstabux oggetti neqsin.

It-Triibunal ezamina bir-reqqa l-provi kolha prodotti mill-partijiet u d-dokumenti minnhom esebiti u huwa tal-fehma li l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta ghandha tintlaqa' u ghalhekk l-ammont ta' Lm226.44 ghandu jitnaqqas mill-ammont dovut lill-attur bhala rifuzjoni tad- depzitu ta' Lm500.00. It-Tribunal jidhirlu li l-ftehimm bejn il-partijiet tal-14 ta' April 2000 baqa' in vigore sat-18 ta' Gunju 2002. Huwa veru li l-attur formalment irriezenja minn operatur tal-canteen fil-11 ta' Marzu 2002 izda bhala stat ta' fatt huwa kompla jhallas il-kera wara din id-data, huwa ma talabx ir-rifuzjoni tad-depozitu fil-11 ta' Marzu 2002 izda talbu biss wara Gunju 2002 meta l-offerta ta' ibnu ghall-gestjoni tal-canteen ma gietx accettata u inoltre mix-xhieda ta' Dirk Farrugia, iben l-attur, jirrizulta li dan tal-ahhar kien jahdem ma missieru fil-gestjoni tal-canteen qabel ma l-attur irrezenja, l-attur kompla jmur jghin lill-ibnu anki wara l-11 ta' Marzu 2002 u ma gie ffirmat ebda ftehim gdid ma iben il-konvenut. It-Tribunal jirritjeni li s-socjeta' konvenuta pruvat takkomoda lill-attur billi ppermettietlu li jirritorna fl-impjieg maghha sabiex ikun jista' jibbenefika mill-iskema ta' rizenja volontarja u fl-istess hin sabet mod li tissorvola l-problema tal-pre-avviz ta' tlett xhur billi ppermettiet lill-attur ikompli fil-gestjoni tal-canteen ghat-tlett xhur permezz ta' ibnu bhala caretaker. Dan l-arrangjament jidher li gie accettat mill-attur ghaliex altrimenti huwa ma kienx ikompli jhallas il-kera wara l-11 ta' Marzu 2002 u ma kienx jitlob ir-rifuzjoni tad-depozitu ta' Lm500.00 f'Gunju 2002 izda f''Marzu 2002.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta’ konvenuta u konsegwentement jilqa’ t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta’ mitejn u tlieta u sebghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm273.56), bl-imghax pagabbli mill-llum.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------